

Brussell, 31 ta' Meju 2024  
(OR. en)

10443/24

---

Fajl Interistituzzjonali:  
2024/0069(NLE)

---

SOC 404  
EMPL 231  
ECOFIN 611  
EDUC 189  
JEUN 121  
IA 135

## NOTA

---

minn:	Presidenza
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Proposta għal RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL dwar Qafas tal-Kwalità għat-Traineeships imsaħħaħ u li tissostitwixxi r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2014 dwar Qafas tal-Kwalità għat-Traineeships - <i>Rapport ta' progress</i>

---

## I. INTRODUZZJONI

Fl-20 ta' Marzu 2024, il-Kummissjoni adottat proposta għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar Qafas tal-Kwalità għat-Traineeships imsaħħaħ. L-inizjattiva għandha l-għan li tħassar ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-2014 dwar Qafas tal-Kwalità għat-Traineeships u li ttejjeb il-kwalità tat-traineeships, b'mod partikolari fir-rigward tal-kontenut tat-tagħlim u t-taħriġ u l-kundizzjonijiet tax-xogħol, sabiex tiġi ffaċilitata t-tranżizzjoni mill-edukazzjoni, il-qgħad jew l-inattività għax-xogħol. Ir-Rakkomandazzjoni tinkludi dispożizzjonijiet dwar ir-remunerazzjoni ġusta, l-aċċess għal protezzjoni soċjali adegwata, il-mentoraġġ, l-aċċess ugwali għal individwi minn sfondi differenti, u l-possibbiltà ta' arranġamenti ta' xogħol ibridi u mill-bogħod. Il-proposta ġiet ippubblikata bħala pakkett flimkien mal-proposta għal "Direttiva dwar it-Traineeships".

Taħt il-Presidenza Belġjana, il-Grupp ta' Ħidma dwar Kwistjonijiet Soċjali Itaqa' tliet darbiet: fid-9 ta' April, fit-22 u t-23 ta' April u fit-28 ta' Mejju 2024, u temm l-ewwel eżami artikolu b'artikolu tal-proposta. Is-sommarju tal-progress li sar jinsab fit-Taqsima II hawn taħt.

Il-biċċa l-kbira tad-delegazzjonijiet laqgħu l-objettiv tal-proposta, filwaqt li enfasizzaw il-ħtieġa li jiġi żgurat żmien biżżejjed għal eżami bir-reqqa, speċjalment minħabba n-natura trasversali tagħha kif ukoll l-interkonnessjonijiet u t-trikkib tagħha mad-Direttiva dwar it-Traineeships. Diversi delegazzjonijiet għad għandhom riżervi ta' skrutinju.

## **II. IL-ĦIDMA TAL-KUNSILL TAĦT IL-PRESIDENZA BELĠJANA**

Il-Grupp ta' Ħidma dwar Kwistjonijiet Soċjali beda l-eżami tar-Rakkomandazzjoni proposta taħt il-Presidenza Belġjana fid-9 ta' April 2024, tliet ġimgħat wara l-pubblikazzjoni tagħha. F'dik l-okkażjoni, il-Kummissjoni ppreżentat ir-Rakkomandazzjoni proposta u d-delegazzjonijiet kellhom l-opportunità li jippreżentaw kummenti u mistoqsijiet ġenerali preliminari.

Il-proposta tal-Kummissjoni kienet akkumpanjata minn Valutazzjoni tal-Impatt li tkopri wkoll id-"Direttiva dwar it-Traineeships" proposta. Fl-4 ta' April 2024, il-Presidenza bagħtet kwestjonarju dwar il-Valutazzjoni tal-Impatt lid-delegazzjonijiet. Wieħed u għoxrin Stat Membru wieġbu għall-kwestjonarju. Il-valutazzjoni tal-impatt ġiet analizzata u diskussa fil-fond fi Grupp ta' Ħidma dwar Kwistjonijiet Soċjali fit-22 ta' April 2024. Is-sommarju tal-evalwazzjoni u t-tweġibiet tal-Istati Membri għall-Valutazzjoni tal-Impatt jinsabu fid-dokument 10456/24.

Il-laqgħat tal-Grupp ta' Ħidma dwar Kwistjonijiet Soċjali tat-23 ta' April u t-28 ta' Mejju 2024 kienu ddedikati għall-eżami tar-Rakkomandazzjoni proposta u għal diskussjoni dwarha, sabiex jiġi żgurat fehim aħjar tal-proposta. F'dawn l-okkażjonijiet, id-delegazzjonijiet ressqu il-kummenti u l-mistoqsijiet tagħhom, li ġew indirizzati mill-Kummissjoni, b'mod partikolari fir-rigward tal-kamp ta' applikazzjoni tar-Rakkomandazzjoni proposta u l-livell ta' dettall u ta' preskrizzjoni.

### **III. KWISTJONIJIET EWLENIN DISKUSSI FIL-LIVELL TAL-GRUPP TA' ĦIDMA**

#### Bażi legali

Xi delegazzjonijiet kellhom mistoqsijiet dwar il-bażi legali tal-proposta, fejn indikaw il-kompetenzi limitati tal-UE fil-qasam tal-edukazzjoni u t-taħriġ. Id-delegazzjonijiet tennew ukoll li l-proposta għandha tkun kompatibbli mas-sistemi u l-leġiżlazzjoni nazzjonali dwar it-traineeships.

#### Kamp ta' applikazzjoni

Il-proposta tfittex li testendi l-kamp ta' applikazzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-2014 dwar Qafas tal-Kwalità għat-Traineeships, li tapplika biss għal traineeships fis-suq miftuħ u għal traineeships bħala parti minn politiki attivi tas-suq tax-xogħol, għal żewġ tipi addizzjonali ta' traineeships: traineeships li huma parti mill-kurrikuli tal-edukazzjoni u t-taħriġ formali, u traineeships li huma rekwiżit obligatorju għall-aċċess għal ċerta professjoni.

Diversi delegazzjonijiet issottolinjaw li l-kamp ta' applikazzjoni tal-proposta ma kienx ċar, u staqsew kif kien relatat mar-Rakkomandazzjoni eżistenti tal-Kunsill tal-2018 dwar l-Apprendistati u jekk l-azzjonijiet kollha rakkomandati fil-proposta setgħux fil-fatt japplikaw għat-tipi kollha ta' traineeships, minħabba d-differenza fl-oġettivi tagħhom, eż. l-aċċess għas-suq tax-xogħol vs it-taħriġ edukattiv.

Xi delegazzjonijiet enfasizzaw ukoll li t-traineeships li kienu parti mill-edukazzjoni formali ma għandhomx ikunu koperti fil-proposta.

### Paga ġusta

Diversi delegazzjonijiet kienu kawti dwar il-punt rakkomandat li t-traineeships kollha għandhom "jitħallsu b'mod ġust" u talbu kjarifika dwar x'għandu jinftehem bħala "ġust". Il-Kummissjoni spjegat li "paga ġusta" kienet kunċett importanti li ġie appoġġat b'saħħa mill-Parlament Ewropew u li jħalli lok għal interpretazzjoni.

### Ftehim bil-miktub

Xi delegazzjonijiet kienu xettiċi dwar il-valur miżjud ta' ftehimiet bil-miktub, speċjalment għal traineeships edukattivi, u dwar il-konsultazzjoni tat-trainees fl-istabbiliment tal-ftehim bil-miktub.

### Allinjament mad-Direttiva dwar it-Traineeships

Diversi delegazzjonijiet appellaw għal livell ogħla ta' allinjament mad-"Direttiva dwar it-Traineeships", fir-rigward tad-definizzjonijiet u l-iskadenzi għall-implimentazzjoni. Id-delegazzjonijiet esprimew dubji wkoll dwar il-bżonn li jiġi ppreżentat pjan ta' implimentazzjoni nazzjonali.

## **IV. KONKLUŻJONIJIET**

Il-Presidenza Belġjana żgurat bidu f'waqtu u produttiv tad-diskussjonijiet dwar ir-Rakkomandazzjoni proposta. Tliet laqgħat suċċessivi tal-Grupp ta' Ħidma dwar Kwistjonijiet Soċjali ppermettew lid-delegazzjonijiet ilestu l-ewwel eżami bir-reqqa tal-proposta. Bħala riżultat ta' skambji kostruttivi fost id-delegazzjonijiet, kif ukoll mal-Kummissjoni, ġew ipprovduti kjarifiki u nkiseb livell ta' fehim kondiviż.

Aktar diskussjonijiet tekniċi huma meħtieġa biex titkompla din il-ħidma bil-ħsieb li jintlaħaq test ta' kompromess.